

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 299/2019

tat-13 ta' Diċembru 2019

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2020/317]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1067 tal-1 ta' Lulju 2016 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż ⁽¹⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1098 tat-2 ta' Awwissu 2018 li jemenda u li jikkoreġi l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż ⁽²⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/335 tas-27 ta' Frar 2019 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-reġistrazzjoni tax-xarba spirituża "Tequila" bħala indikazzjoni ġeografika ⁽³⁾ jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/674 tad-29 ta' April 2019 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż ⁽⁴⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar ix-xorb spirituż. Il-leġiżlazzjoni dwar ix-xorb spirituż ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XXVII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (6) Jenħtieġ, għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 9 (ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XXVII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

- **32016 R 1067**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1067 tal-1 ta' Lulju 2016 (ĠU L 178, 2.7.2016, p. 1),
- **32018 R 1098**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1098 tat-2 ta' Awwissu 2018 (ĠU L 197, 3.8.2018, p. 7),
- **32019 R 0335**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/335 tas-27 ta' Frar 2019 (ĠU L 60, 28.2.2019, p. 3),
- **32019 R 0674**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/674 tad-29 ta' April 2019 (ĠU L 114, 30.4.2019, p. 7)."

⁽¹⁾ ĠU L 178, 2.7.2016, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 197, 3.8.2018, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 60, 28.2.2019, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 114, 30.4.2019, p. 7.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2016/1067, (UE) 2018/1098, (UE) 2019/335 u (UE) 2019/674 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2019, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.